# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 1892/98**

**Numru 23**

**Joseph Demanuele u martu Connie**

**vs**

**Oreste Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur s-somma ta' Lm482.72c danni in segwitu ghal incident stradali li gara Rahal Gdid fis-07 ta' Jannar 1998 bejn car Daihatsu nru IAI 421 misjuqa minn Joseph Demanuele u Van DAT 191 misjuq mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi Lm10.50 ta' konsult u ittra, dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 4 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament tal-attur u dana minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

2. Salvi eccezzonijiet ohra.

Rat il-kontrotalba tas-"socjeta konvenuta" (fol 5 ibid) fejn jinghad:

Fl-istess hin is-socjeta konvenuta qed tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni odjerna biex ticcita lill-attur in via rikonvenzjonali bil-mod li gej:

Illi fis-7 ta' Jannar 1998, huwa kien involut f'incident tat-traffiku mal-vettura IAI 421 misjuqa mill-attur rikonvenzjonat Joseph Demanuele, gewwa Rahal Gdid.  Illi Demanuele huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u dana minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Illi huwa sofra danni fil-vettura tieghu bhala risultat ta' dina l-kollizzjoni.

Illi ghar-ragunijiet suesposti l-attur rikonvenzjonat ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, jigu likwidati d-danni sofferti mill-konvenut u jigi kkundannat biex jhallas dawk id-danni hekk likwidati, kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijet fuq premessi.

Bl-ispejjes, inkluz Lm10 tal-konsult kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat (fol 13 ibid) li biha eccepixxa illi dak li hemm fil-kontro-talba ghandu jigi michud ghax ghall-incident il-htija kienet kif miktuba fl-Avviz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 24 et seq ibid) fix-xhieda tieghu, spjega li kien tiela' it-telgha ta' Corradino, sabiex jidhol fl-Iskola imsemmija fl-istess xhieda. Waqt li sahaq li "kont qed insuq il-hin kollu fuq l-"inner lane" fuq in-naha tal-iskola" u li "Meta kont wasalt f'nofs it-telgha, xeghelt l-indicator sabiex ndur lejn ix-xellug" sabiex jidhol fl-istess skola", kif kien diehel fl-entratura (kancell miftuh) il-vettura misjuqa minnu qalghet daqqa fuq wara fuq ix-xellug.

Il-kontroesami, hu kompla jghid li ma' kellux bzonn li jaghmel "xi manuvra specjali" sabiex jidhol fl-imsemmija entratura hlief li "imxejt bil-mod kemm jista' jkun". Difatti hu qal ukoll "Jiena mort xi ftit lejn il-lemin sabiex nkun nista' nidhol pero dejjem bqajt fuq il-"lane" tieghi".

Illi in rigward id-dinamika tal-incident, il-konvenut stess esebixxa, in atti, erba' fotokopji ta' ritratti (fol 33 u 34 ibid) li juru il-vetturi rispettivi involuti f'dan l-incident, il-posizjoni taghhom wara dan kif ukoll il-lokalita' in kwistjoni. Mill-istess ritratti jigi notat li l-karozza misjuqa mill-attur tinsab fl-entratura msemmija, il-"van" misjuq mill-attur jinsab angolat fuq il-linja medjana taz-zewg karreggjati fuq ix-xellug tat-triq bi parti minnu fuq wara, fuq il-karreggata tax-xellug (l-"inner lane").

Inoltre tigi notata marka ta '"tyre" jew ta' "brakemark" fir-ritratt ta' taht a fol 34, liema marka tmur mill-istess "inner lane" fid-"direzzjoni tal-"outerlane" ossija, probabilment, immedjatament wara l-"van" misjuq mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi jinghad li l-konvenut ma xehedx f'dawn il-proceduri avolja inghata l-opportunita' sabiex jaghmel dan.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif hawn fuq esposti oltre mill-iskizz u kopja tar-rapport esebiti in atti minn P.S. 1533 Lawrence Caruana (fol 17 sa fol 20 ibid), jidher li:

a) il-konvenut ma issostanzjax b'xi prova dak allegat minnu fl-eccezzjoni u fil-kontro talba sottomessi minnu (ara ukoll fol 18 ibid wara "car" No DAT 191).

b) fuq basi ta' probabilta', jidher li l-konvenut ma kienx attent u prudenti fis-sewqan tieghu u ta' daqqa fuq wara tal-vettura misjuqa mill-attur waqt li l-istess vetturi kienu fuq il-karregata tax-xellug.

c) L-ammont ta' danni pretiz mill-attur ma jidhirx li gie kontestat effettivament. Illi, ghalhekk, ghandhom jigu akkolti t-talbiet attrici izda michudin l-eccezzjoni u kontro talba sottomessi mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni u kontro talba sottomessi mill-konvenut, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u non osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm482.72,0.

3) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm482.72,0 bl-imghax legali mid-9 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm10.50,0 ta' konsult u ittra oltre dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru 1998 msemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur